


OLJU MAHRUĠ DARBA FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA
EDITUR: J. ORLANDO-SMITH

I. 166 ĠUNJU, 1953. Nru. 166

# ALLA JĦARES LIR-REGINA

**FIL-JUM ta' l-Inkoronazzjoni tar-Reġina Eliżabetta t-Tieni nitolbu aħna wkoll mal-bqija tas-sudditi ta' l-Imperu, nitolbu lisSultan tas-slaten biex jagħti l-għajnuna Tiegħu lil din l-mara sabiħa u żagħżugħa li aħna nittamaw li tibqa' taħkem fuqna għal żmien twil u hieni.**

Hadd fost il-ġnus ta' l-Imperu ·lu ma kellu x-xorti li jitħallat u dehes mar-Reġina tiegħu daqs dan ›oplu ċkejken. Ma baqax imkej- ı fil-Gżejjer tagħna f'jum jew ieħor, ma ıgħux fihom lil dik Prinċipessa fuq ruħ- , umli, li b'ħarsa lwa u bi tbissima q fommha rajniha ellem lil dawk kollha jgħaddu minn ħdej- u b'imġibitha tisraq qlub ta' kull min eilem magħha.

Hija kienet tidher li ısab fl-aqwa hena agħha meta kienet f' ına. Malta għaliha enet it-tieni darha u ıajja li għaddiet fost- ı, flimkien ma' żew- ıa d-Duka ta' Edin- ırgh, ma setgħetx ma ›nitx għaliha ta' l- għla hena u serħ.

Waqt l-għadd kbir ' żjajjar u tħabrik so- ali kif ukoll uffiċjali wettqet kemm damet Malta, niftakru fiż- ara li għamlet lill- asam tal-Gvern, l- ħammieri, il-Marsa, ·jn uriet interess mill- kbar għal kull ma ġiet ıurija. It-taqsimiet li hom jitrabbew il- hejjem, fniek u tiġieġ egħluha tiftakar fl- ;tivitajiet li kien iwet- taq missierha fl-Ingilterra fl-oqsma li huwa kellu. Il-baqar Ayreshire u British Friesian kienu dawk l-anni- mali li l-aktar għoġbuha, l-għaliex minbarra l-ġmiel tagħhom fakkruha meta fi ċkunitha kienet tiġġerra fos- thom fil-ħin tar-rikreazzjoni.



(Foto: A. Arrigo Azzopardi).

**Ir-Reġina qed tammira mara Għawdxija taħdem il-bizzilla.**

Wara li kienet temmet iż-żjara fl-Għammieri u ffirmat il-"Visitors' Book", il-Prinċipessa stqarret li ħasset ruħha hienja u ferħana b'kulma kienet rat u qalet ukoll li tibqa' tiftakar għal żmien twil bil-ġmiel ta' ħdura li rat quddiemha u bir-rieħa ħelwa li kienu qed jarmu l-għelieqi mħawla bix-xtieli tal-ħwawar ftit 'il bogħod mill-meddiet ta' raba' li kien miżrugħ bil-fjuri għall-produzzjoni taż-żerriegħa.

Il-lum dik il-Prinċipessa saret is-Sultana ta' miljuni mxerrdin f'kull naħa tad-dinja u nittamaw li jkollna x-xorti li nerġgħu narawha fostna għaddejja fit-toroq tagħna li jfakkruha fl-aħjar waqtiet ta' ferħ u mħabba li tħoss f'qalbha għarusa hienja u friska.

Malta kienet it-tieni dar tagħha għal ħafna żmien u ma jistax ikun li din l-art ma tibqax tfakkarha fil-ħlewwa tal-ħajja għal bosta u bosta snin.

# Tagħrif dwar xi mbejjed

(*K. Vella Haber*)

**WARA li fittixt xi rqaqat u tajtkom tagħrif dwar l-oriġini tat-tazzi u l-fliexken ta' l-inbid kif ukoll dwar l-inbid fil-mard u fis-saħħa, deherli li jista' jkun ta' siwi jekk nissokta nagħti tagħrif dwar xi kwalitajiet ta' nbejjed, mnejn u kif jitnisslu.**

### IX-"SHERRY"

Ix-"Sherry" huwa kwalità ta' nbid li jingħasar minn għeneb li jiġi ikkultivat fin-naħa t'isfel ta' Spanja, fix-xaqlibiet ta' madwar Jerez. Qabel xejn fl-għasir ta' dan l-inbid jinħadem biss dak il-għeneb li jkun tassew misjur u għalhekk l-istess għalqa jduruha kemm-il darba sakemm l-għeneb kollu jkun sar u jinqata'. Dan ix-"Sherry" jiġi msaħħaħ bl-ispirtu ta' l-inbid u ma' tul l-ewwel sentejn ivarja mhux ftit u sikwit jiġri li għeneb miġbur mill-istess għalqa u magħsur u maħdum taħt l-istess kondizzjonijiet jipproduċi tipi differenti ta' "Sherry".

It-tip Fino, Amontillado u Manzinilla huma l-aktar adattati bħala aperitiv. Il-Vino de Pasto jintuża l-aktar bħala nbid għall-mejda fil-waqt li t-tipi fini bħalma huma l-Oloroso, Amoroso u oħrajn jintużaw bħala nbid tad-deżerta. It-tip Solera jsir billi jiżdied inbid magħsur frisk ma' l-inbid magħsur fis-snin ta' qabel.

### IL-"PORT"

Il-"Port" jiġi kollu mill-Portugall u ebda nbid ieħor ma jista' jissejjaħ "Port". Dan l-inbid jingħasar minn għeneb li jiġi ikkultivat fil-Portugall ta' Fuq fin-naħat tad-Douro. Fost il-kwalità li ssir fil-btieti hemm it-tipi "Tawny" u "Ruby" fil-waqt li fost il-kwalitajiet ta' Port li jsiru fil-fliexken hemm it-tipi msejħin "Crusting Ports" u r-Re ta' l-Inbejjed. Dawn it-tipi kollha ta' Port isiru minn għeneb magħsur frisk b'żieda ċkejkna ta' Brandy Portugiża sabiex l-inbid iżomm il-benna naturali tiegħu. It-tipi "Tawny" u "Ruby" jitnisslu minn taħlit ta' Port ta' għadd ta' snin differenti. Ir-Re ta' l-Inbejjed isir biss f'dawk is-snin meta l-għeneb tad-Douro jkun irnexxa l-aktar u jittieħed biss mill-aqwa kwalitajiet ta' nbid li jkun ġew magħsura. Huwa jinżamm għal sentejn fil-btieti u wara li jiġi ibbottiljat jitħalla għadd ta' snin oħra fil-fliexken qabel ma jintuża.

### IL-"BURGANDY"

Dan l-inbid jiġi minn Franza u l-għelieqi tad-dwieli li jipproduċu l-għeneb għalih jinfirxu min-naħa ta' fuq san-naħa t'isfel ta' Franza.

Billi f'dawk in-naħat id-dwieli jsibu l-kwalità ta' art li jeħtieġu, huma jikbru sewwa u jipproduċu għeneb ta' l-aqwa kwalità li l-inbid li jingħasar minnhom huwa magħruf mad-dinja kollha għall-benna tiegħu. Dawn l-inbejjed huma magħrufin ħafna wkoll għaliex isostnu l-ġisem u jsaħħu d-demm.

### IL-"CLARET"

Il-kwalità ta' nbid "Claret" billi jħaddan aċidità inqas minn inbejjed oħra jiġi diġerit malajr u jingħasru tant tipi tiegħu illi għandek dejjem issib tip ta' "Claret" li jkun addattat għal kull okkażjoni.

Dan l-inbid ġeneralment iġib l-isem tad-distrett li fih jingħasar fil-waqt li t-tipi l-aktar fini jġibu l-isem ta' l-istess meddiet tal-għelieqi tad-dwieli li jitnissel minnhom.

### IX-"CHAMPAGNE"

Ix-Xampanja hija dik il-kwalità ta' nbid li l-aktar hija mixtieqa fil-festini, u okkażjonijiet oħra kbar. It-taħlit tiegħu li jsir minn inbejjed ta' snin differenti li jiġu magħsura f'dak id-distrett ta' Franza baqa' aktarx sigriet.


**SIĠAR U PJANTI GĦALL-BEJGĦ**

**Siġar tal-Larinġ, Mandulina, Ortensji, Gardenji, Aucuba, Kentia, Palm, Begonia Rex, Roses u pjanti oħra ornamentali ta' kwalità prima jinsabu għall-bejgħ minn:**

**MUSCAT ROSE NURSERY**
**Nru. 24, Idmejda Str., Hal Balzan.**


# JUM IS-SIĠAR

FIS-7 ta' Mejju, saret Arbor Day f'Ħaż-Żebbuġ. Din il-festa tas-siġar ġiet organizzata mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni flimkien mad-Dipartiment tal-Biedja. Għad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni deħru l-Onor. Ministru ta' l-Edukazzjoni flimkien mas-Sur J.P. Vassallo, Direttur tad-Dipartiment tat-Tagħlim u s-Sur Lawrence Boffa, Health Education Officer. Għad-Dipartiment tal-Biedja ħadu sehem l-Onor. Ministru tal-Posta u Biedja, Dr. A. Azzopardi, Aġent Direttur tal-Biedja, kif ukoll is-Sur Ġorġ Cousin, Suprintendent tal-Ġonna Pubbliċi flimkien ma' membri ta' li staff tiegħu.

Din il-festa tas-siġar saret fit-Triq il-Ġdida ta' Ħaż-Żebuġ fejn tħawlu għadd sabiħ ta' siġar u l-pubbliku ikkoopera ħafna billi żejjen it-triq bil-qsari li ħadu magħhom it-tfal. It-triq kienet imżejna wkoll bil-bandieri.

Din iċ-ċerimonja sabiħa ta' Taħwil ta' siġar bdiet bl-Innu Malti mal-wasla ta' l-Onorevoi l-Prim Ministru. Wara dan, tifel ta' l-iskola ta' Ħaż-Żebbuġ f'isem l-iskola kollha qara fuq il-microphone WEGĦDA li huma jħobbu s-siġar u jħarsuhom mill-ħsara. Dik il-wegħda rripetewha mat-tfajjel it-tfal kollha ta' l-iskola li kienu preżenti għaċ-ċerimonja. Il-wegħda ġiet iffirmata minn għadd ta' tfal u l-Onor. Prim Ministru, il-Ministru tal-Biedja, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, kif ukoll id-Direttur tal-Biedja u d-Direttur ta' l-Edukazzjoni niżżlu isimhom fil-Wegħda msemmija bħala xhieda.

Wara li nqrat din il-wegħda, beda t-taħwil tas-siġar. Kull siġra ġiet imħawla minn tlitt itfal ta' l-iskola megħjunin mill-ġardinara tad-Dipartiment tal-Biedja.

Meta s-siġar kollha ġew imħawlin, il-Wisq Reverendu Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ bierek is-siġar, u wara t-tfal saqqew lis-siġar għall-ewwel darba.

Fl-aħħarnett saru diskorsi lit-tfal. It-tfal li ħawlu s-siġar kienu taħt il-ħarsien tal-Headteacher ta' l-Iskola ta' ĦażŻebbuġ, li huwa l-President tal-Fergħa tal-"Arbor League" li hemm f'Ħaż-Żebbuġ.

La qegħdin nitkellmu fuq is-siġar u fuq il-wegħdi, nagħmlu appell lit-tfal kollha sabiex jibżgħu għas-siġar u ma jeqirduhomx, u speċjalment lit-tfal ta' Ħaż-Żebbuġ li għamlu l-wegħda, inħeġġuhom sabiex ikunu fidili lejn il-wegħda li għamlu u b'hekk jagħtu eżempju sabiħ lil ħadd-ieħor biex jagħmel bħalhom.

## BAJD TAT-TFAQQIS

Il-bejgħ tal-bajd tat-tfaqqis mill-Qasam tal-Gvern, l-Għammieri, il-Marsa, ġie sospiż mill-1 ta' Ġunju, għal matul ix-xhur tas-sajf. Malli l-istaġun tat-tfaqqis jerġa' jibda tinħareġ tagħrifa fil-ġurnali għal kull min huwa interessat li jixtri bajd tat-tfaqqis tat-tiġieġ, papri u dundjani.


# IL-ĦALIB

## L-AQWA IKEL TAN-NATURA

— **L-GĦALIEX** żewġ pinet ħalib pasturizzat **KULJUM** huma essenzjali għas-saħħa?

— **GĦALIEX** fil-ħalib pasturizzat issib: **ĊIR** u **FOSFRU** għall-bini u s-saħħa tas-**SNIEN** u l-**GĦADAM**. **PROTEJINI** għall-qawwa tal-muskoli. **MINERALI** u **VITAMINI** sabiex tibbilanċja d-dieta u biex tagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet li jkun hemm fl-ikel l-ieħor. Krema tal-**BUTIR** li tkabbar il-ġisem u ttih il-ħeġġa meħtieġa. **ZOKKOR** għall-enerġija u s-sħana tal-ġisem biex jiflaħ għax-xogħol u l-ħidma. **ĦADID** biex jistagħna d-demm.

**DAN KOLLU** b'mhux iżjed minn disa' soldi kull **PINTA ĦALIB**

**DAWN** l-ingredjenti kollha ma ssibhomx ħlief f'ikel li jqum **TLIET DARBIET** daqs il-ħalib. **MELA GĦALIEX MA TIXROBX IŻJED ĦALIB PASTURIZZAT U TIKSEB IL-VITAMINI U L-MINERALI LI TEĦTIEĠ AKTAR BIL-ĦEFFA U ORĦOS UKOLL.**

